MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2437/2002

**Avviz Numru 2437/02AJD**
**Aquatess Limited**

**vs**

**Victor Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenja mis-socjeta' attrici lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2001, 10 ta' Dicembru 2001, 12 ta' Gunju 2002 u tat-2 ta' Awissu 2002 u bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-ammont dovut mis-6 ta' Novembru 2001sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Renato Cefai in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Novembru 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**